# Amal

Jesmond Sharples

Ma nistax inneħħi minn moħħi x-xbieha tal-id tipprova taħfen is-sema għalxejn filwaqt li għerqet u għodsot f'baħar fond. Dik ix-xena għadha tkiddni sal-lum — il-ħolm u l-ġejjien mistħajjel kollha żelqu bejn is-swaba' ta' id Amal.  Dak il-vojt ma nistax inneħħih u qatt mhu sa nkun nista' nimlieh. Amal, ħija ż-żgħir fost erbat aħwa — żewġ xebbiet u jien. Trabbejna f'Kelibia, Tuneż f'ambjent ta' faqar kbir li tgħix b'ta' fuqek senduqek. Fajed, missieri li kien sajjied sa minn tfulitu kien joħlom bil-ħut. Ħajtu għexha jitħabat ma' dak li żaqqu ratba u rasu iebsa jipprova jdawwar ir-rota biex jgħajjixna — joħroġ jistad ftit kilometri 'l hinn mix-xatt ta' El Marsa fejn ġieli għadda ġranet sħaħ bejn sema u ilma biex daħal lura b'qabda ħut b'kemm ikun jista' jrejjaqna. Għajnejh kienu jilmaw id-diżappunt u l-għeja ta' min ikun għadda jiem u ljieli jitbandal ma' mewġ il-baħar jitlob 'l Allah għal għaxja ta' lejla. Kien iqis xortih tajba jekk kien idawwar 150 dinar wara sajda bħal dik. Ilu jinnota li tul dawn l-aħħar 45 sena, il-ħut naqas sew mill-baħar u l-futur għal min jistad tassew imċajpar. Illum id-dgħajjes jiżfnu kajmana mal-mewġ iċafċaf u jaħbtu u jħokku ma' xulxin. Illum il-baħar għal Fajed nixef u l-qiegħ inkixef.

Jum fost l-oħrajn, missieri ltaqa' ma' Ħassan, sajjied ieħor li bħal donnu ma kellux diffikultà biex jaqla' l-ħobża ta' kuljum u Fajed f'mument iddisprat ra xaqq dawl għalih. Ma kienx l-ewwel darba li meta kienu jkunu jistadu 'l barra mix-xtut kienu jilmħu 'l Pantellerija

— id-dawl inemnem bati fit-toroq ta' Villaggio Tre Pietre bħal donnu kien jixgħel it-tama għal ħajja aħjar. Dawl iteptep kważi bi nkejja. Hemm jaf tkun l-ewwel waqfa qabel jitkompla l-vjaġġ għal futur aħjar. Għeja jbaħħar 'il barra bir-riskju li ma jafx jiġix lura qawwi u sħiħ, almenu hekk ir-riskju jaf ikun ta' darba u jsarraf f'ġejjien aħjar. Ftiehmu li jiltaqgħu taħt id-dell tal-Forti Kelibia. Hemm l-imsaġar jostru t-thewdin u jħollu t-tbexkil li jpaspar il-bniedem.

"X'jeħtieġ ħabib biex immorru kollha hemm?"

"6,000 dinar u nieħu ħsieb kollox jien."

"Xejn inqas, ħabib? M'iniex f'qagħda li ngħaddihomlok f'daqqa dawk il-flus."

"Ħu ħsieb biex tbigħ ġidek, b'hekk biss tista' tinfeda."

"Ħa naħsibha Karim u nerġa' nkellmek."

"Iddumx għax il-vjaġġi daqt ikollhom jieqfu peress li ġejja x-xitwa u mbagħad fil-każ nerġgħu nitkellmu d-dieħla."

Fajed b'diqa f'qalbu telaq 'l hemm u baqa' jħammem. Ma kienx possibbli jistenna sena oħra — *Jekk inbigħ dari għal 50,000 dinar ikolli biex inħallas għall-vjaġġ u jkolli biex inħallas triqti sakemm nasal l-Italja. Issa baqagħli ngħid b'dan lil Fatma. Ma nafx kif se toħodha ngħid id-dritt, imma ma tantx għandna għażla.*

****

Missieri ma setax jistenna. Il-ħsieb kien qed jagħfas u Fatma kellha ssegwi l-pjan li fassal żewġha. Ma tantx kellha għażla. Riedet tara kif sa tagħmel biex tfiehem lit-tfal li dan kollu kien għall-ġid tagħhom. Għall-aħjar tagħhom. Bħall-mantra dil-vuċi interna qisha bħal kienet twennisha u tipprova tikkonvinċiha li dak li sa jagħmlu kien għal ġid ta' kulħadd ... ta' kulħadd. Amal kellu biss ħames snin u bilkemm kien jifhem x'inhi l-ħajja aħseb u ara l-iskop għalfejn kellhom imorru fuq dal-vjaġġ. Għalih kienet sempliċi avventura fuq id-dgħajsa tal-lasktu.

Tlaqna lejn il-foresta xi għaxar kilometri 'l bogħod biex minn hemm nitrikkbu d-dgħajsa fl-ilmijiet qrib. Kellna niltaqgħu fit-tlieta

ta' filgħodu. Konna xi tletin ruħ f'reżħa tinfed l-għadam, siekta u anzjużi — irġiel, nisa u tfal. Lanqas ħadd ma lissen kelma. Missieri ħa ħsieb li aħna kellna xi ħaġa tal-ikel magħna u kien il-ħin kollu moħħu fil-flus li ġab miegħu biex iħallas lil Karim u biex jibqagħlu għall-kumplament tal-vjaġġ, biex ikun jista' jgħix. Missieri emmen li sa jixtri futur ġdid f'ħajtu għalkemm kien qed iqarreb is-sittin sena. Jien kont it-tifel il-kbir u għall-età li kelli kont inħossni responsabbli minn ħuti speċjalment miż-żgħir li kien twieled bla mistenni meta ommi kellha 45 sena. Għalkemm feraħ b'Amal, f'qalbu kellu bħal diqa għaliex il-possibbiltà li jkun jista' jgħinu jitrabba f'Kelibia saret iktar diffiċli. Ried joffrilu futur isbaħ u allura din id-deċiżjoni li ħa kienet għall-aħjar ta' Amal u ta' kulħadd.

Karim tfaċċa ma' sieħbu li għenu jwaħħlu magna qawwija biex tħaffef il-vjaġġ fil-baħar u tkun tista' tiflaħ għal tagħbija ta' 30 ruħ. Kellhom jintrassu u jitgħaffġu fuq id-dgħajsa u ħadd ma kellu jitniffes. Qabel ma telgħu fuq id-dgħajsa, għadda l-flus lil Karim li qagħad joqgħod jgħoddhom wieħed wieħed. 6,000 dinar. Ħarġet ruħu magħhom hekk kif telaqhom minn idejh. Għall-ewwel darba missieri bħal qisu ġieh dubju jekk din kinitx l-għażla t-tajba.

"Ejja ħaffu, itilgħu u ddumux. La tkunu fuq id-dgħajsa ara min jitħarrek, lanqas għall-ħtiġijiet tagħkom. Tixegħlux dwal, speċjalment tal-mobiles." Tawna struzzjoni biex kif jgħaddi ċertu ħin inċemplu għall-għajnuna u ngħidulhom li konna qed negħrqu. Jekk hemm bżonn tassew nipprovaw negħrqu għax hekk meħtieġ għax kemm ilu hemm Salvini Prim Ministru l-affarijiet bdew jinbidlu u l-affarijiet ħadu żvolta għall-agħar.

U ntrassejna hemm bħal f'landa sardin. Missieri kien iddeċieda li jieqaf joħlom bil-ħut u jħares lil hinn mix-xefaq tad-disprament li issa kien beda jieklu minn ġewwa. Ftit sigħat oħra u naqbdu t-triq lejn Pantellerija u minn hemm naħsbu biex nimxu lejn l-Italja. Ommi u l-bniet kienu qaqoċċa flimkien u Amal ma kellu sabar joqgħod imkien. Ma kienx qed jifhem il-għala dir-rassa f'dgħajsa f'dad-dlam.

Fl-aħħar tlaqna u bħal donna ma konna sejrin imkien. Inbaħħru

fid-dlam dagħmien nitbandlu mal-mewġ li bħal qisu beda jitqawwa u ż-żiffa ma baqgħetx tmellsilna ħaddejna imma bdiet bħal tikkattiva magħna u bdejna nitbandlu qatigħ. Inħkimna minn biża' kbir — id-dwal max-xatt ta' Pantellerija donnu beda jmur u jiġi. Kienu l-ħamsa ta' filgħodu u beda jbexbex il-jum u miegħu t-tama għalkemm ir-riħ li kien ġej mill-Grigal kompla jitqawwa. Karim u sħabu telqu bi flusna u lilna telquna hawn f'nofs ta' baħar. Ma nafx kinitx għażla għaqlija din imma issa ma stajniex immorru lura u l-unika triq li baqgħalna kienet li jew isalvana xi ħadd jew immissu l-qiegħ.

Sebaħ u t-tbandil ma qatax. Almenu issa stajna naraw wiċċ xulxin. Konna kollha mbikkma u mwerwrin. Kulħadd imwaħħal mad-dgħajsa titmewweġ. Ħadd ma seta' jiċċaqlaq. Min beda jirremetti u tfal jibku. Jibku l-ħolm li kien qed jgħosfor ma' kull ċaqliqa u taħrika goffa tal-ħalel li issa qisu ried itemm ħesrem il-vjaġġ ta' dawn it-tletin ruħ fosthom il-familja ta' Fajed u Fatma u wliedu. Amal issa bħal fehem x'kien hemm lest għal kulħadd u beda jibki u jixher. Għajnejn Amal kienu jibbru bil-biża' li issa rikkbet lil kulħadd fid-dgħajsa. It-tmiem kiefer kien qrib. Krib imreżżaħ. Fajed żamm id martu u qalilha li jħobbha. Ma kienx jaf jekk hux se jerġa' jkun jista' jistqarrilha mħabbtu darba oħra. Kulħadd kien mgħannaq ma' xulxin bit-tama li jitħarsu miċ-ċaċliq aġitat tad-dgħajsa u li issa għal xi raġuni ntfitilha l-magna u allura waqfet ħesrem f'nofs ta' baħar. Tmien sigħat nikkontemplaw it-tmiem, nitbandlu mal-mewt bejn sema u ilma, bejn il-baħar u s-sema — danse macabre.

Xi ħadd ċempel għall-għajnuna. Wara diffikultà biex jiftiehmu waslulna l-messaġġ li l-port ta' Pantellerija mhux qed jilqa' immigranti mill-kosta tal-Afrika. Bieb magħluq b'destin maħnuq. Ħolm maħruq. Karim ma tahomx x'jifhmu li l-Ewropej għalqu qalbhom għall-immigranti. Tħallew jiżżeffnu d-danza makabra għal riħhom, bla risposta, jitbandlu fil-qilla ta' baħar ta' ras iebsa ... waħidhom u t-tbandil qalil infinit mal-ħalel ... huma u l-ħalel u huma ... biss.

Ħin bla waqt tiġi ħalla u terfa' d-dgħajsa minn taħt b'kulħadd u nittajru u ninqalbu fl-ilma. Kienet l-aħħar darba li rajt lil Amal — rajtu

jtir minn ħdan ommu għal ġol-baħar fejn inbela'. Qatt ma nista' nħassar dik l-id ta' ħija tipprova taħfen is-sema għalxejn waqt li hi nieżla u titfannad f'baħar salvaġġ. Lanqas lil ħuti l-bniet u 'l ommi u missieri ma stajt nilmaħ jew nara. Telquni l-almu u kull kuraġġ, u bkejt waqt li bqajt nitħabat mal-ilma, nissara għan-nifs f'baħar kiesaħ għall-ħin twil bla ma stajt nagħmel xejn, ngħannaq ix-xejn. Xejn. Konna qed negħrqu u ntlifna. Dmugħi nixef fil-wegħdiet fiergħa ta' baħar ħajjen u qattiel.

****

Ħdax-il sena għaddew u din ix-xbieha titqanqal f'moħħi kull darba li nisma' d-Danse macabre ta' Saint-Saëns. Ma nafx kemm-il darba smajtha f'moħħi mal-jum jew fl-irqad ħafif tiegħi. Ommi u Missieri kienu salvaw mill-għarqa flimkien ma' Sarah u Mariem hekk kif kienu intervjenew il-voluntiera qalbiena tal-Medicine sans Frontiere. Missieri għala għall-mewt għax kien tilef 'l Amal. Ma setax jaħfer lilu nnifsu. Fayed tassew tilef kollox. Żvintalu l-ħolm kollu l-mument li waqaf jistad u tħajjar jistad għal destin lil hinn mix-xtut fejn trabba'. Tkeffen għal dejjem il-ġejjien anonimu t'Amal waqt li l-folol jibqgħu jixxemmxu fuq xtajtiet Kelibia għad-daqq tal-mużika Ma'luf, folol lubiena magħlufa l-ħrejjef b'kuxjenza tar-ramel.